MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 119/2003

**Continental Purchasing Company Limited**

**vs**

**Joseph Pace**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, erba’ mija u zewg liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm4,402.59) rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, kollox ai termini tal-fatturi u “statements of accounts” gia fil-pussess tieghu.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-15 ta’ Jannar, 2003, kif ukoll dawk tal-Mandat ta’ Qbidipprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta' Ottubru, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------